MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 200/2013

A Grech f'ismu proprju u bhala kuratur ad litem tal-minuri D Grech

vs

Avukat Dr Cedric Mifsud u il-PL Veronica Rossignaud b'digriet tat-13 ta' Mejju 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati fl-interess tal-assenti T L

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. Illi minn relazzjoni extra-maritali illi r-rikorrenti kellu ma l-intimata T L, twieldet il-minuri D Grech fl-ghaxra (10) ta' Novembru 2010 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mAat bhala Dok MG 1;
2. Illi l-intimata madwar cirka sena ilu telqet minn Malta sabiex tibda karriera ta' modeling go pajjiz esteru fejn ir-rikorrenti ma jafx fejn toqghod imma jaf biss illi qeghda l-Italja. Minn dakinhar il-minuri D Grech marret tirrisjedi definitivament flimkien mal-missier. Illi ghalkemm fil-bidu kien hemm kuntatt telefoniku bejn il-minuri u l-omm fejn kien hemm okkazzjonijiet fejn l-omm giet Malta sabiex izur lil bintha minuri, ghal dawn l-ahhar xhur l-omm mhux tikkomunika bl-ebda mod ma bintha minuri;
3. Illi l-intimata mhux qeghda thallas ebda manteniment ghal-bzonnijiet tal-minuri;
4. Illi ghaldaqstant l-minuri hija fattwalment fil-kura u kustodja tar-rikorrenti, li qieghed jiehu hsieb tal-bzonnijiet tal-minuri u huwa l-aktar persuna idoneja sabiex jigi fdat il-kura u kustodja tal-minuri;
5. Illi r-rikorrenti jrid li bintu jkollha hajja stabbli fejn hija tkun kuntenta;
6. Illi r-rikorrenti pproceda b'medjazzjoni sabiex jigi diskuss is-suespost. Madankollu l-intimata ma attenditx ghal tali medjazzjoni minhabba li hi assenti u ghalhekk dawn il-proceduri kellhom jinghalqu;
7. Illi b'digriet tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja numru wiehed hamsa tmienja hamsa tas-sena elfejn u tlettax (1585/2013) ir-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza. Dokument hawn anness u mAat bhala Dok MG 2;
8. Illi minhabba li l-konvenuta hija assenti, r-rikorrenti pprezenta rikors fejn talab li jigu mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentawha;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li l-kura u kostudja tal-minuri D Grech tkun fdata esklussivament f'idejn il-missier u dan fl-ahjar interess tal-minuri stante illi l-omm hija assenti minn Malta;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti japplika wahdu ghal passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens tal-intimata assenti;
3. Tillikwida manteniment li l-omm hija obbligata illi thallas ghal minuri u tordna lil omm thallas tali manteniment hekk kif likwidat f'dawk il-modalitajiet li dina il-Qorti jogghobha timponi;

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha eccepew:

Illi sallum huma ma rnexxielhomx jaghmlu kuntatt mal-intimata peress li ma ghandhomx l-ebda informazzjoni f'idejhom dwar fejn jistghu jikkuntattjawha. Ghalhekk m'humiex f'posizzjoni li f'dan l-istadju jissottomettu eccezzjonijiet ulterjuri. F'kaz li kuntatt isir u jottjenu izjed informazzjoni huma immedjatament jinfurmaw lil dina il-Qorti u jekk ikun il-kaz jaghmlu talba sabiex jissottomettu eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri D li twieldet nhar l-10 ta’ Novembru tas-sena 2010[1], fejn min-naha tieghu r-rikorrent jikkontendi li ghandu jigi fdat b’mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri, *stante* li l-intimata assenti abbandunat lill-istess minuri u sahansitra marret *oltre* minn dan meta telqet ‘il barra minn Malta, b’dan li l-kuntatt mal-minuri beda jnaqqas sakemm sfaxxa ghal kollox.

**<u>Verzjoni tar-rikorrent</u>**

Illi permezz tal-affidavit tieghu[2], r-rikorrent jghid li ltaqa’ mal-intimata assenti T L madwar sitt snin u nofs qabel ma ta x-xiehda tieghu f’dawn il-proceduri u cioe’ circa fis-sena 2008, b’dan li f’Novembru tas-sena 2010 twieldet il-minuri Danizja. Jispjega li bhala koppja flimkien mal-minuri kienu jghixu ghand ommu, b’dan li kienet tkun l-intimata assenti li tiehu hsieb lill-minuri waqt li r-rikorrent imur ix-xoghol, izda mbaghad bdew jinqalghu l-problemi bejniethom u r-relazzjoni taghhom spiccat. Jghid li fis-sena 2012 l-intimata ddecidiet li tmur timmudella gewwa l-Italja, b’dan li t-tifla kienet tkun ghand ommha u hi kienet tinzel taraha ghal xi ftit jiem u terga’ titla lura lejn l-Italja. Meta mbaghad ra li minkejja li ghaddew numru ta’ gimghat minghajr ma l-intimata regghet nizlet Malta, ghamel l-arrangamenti man-nanna materna biex bintu tmur tghix mieghu u hekk sar. Minn dak iz-zmien, l-intimata la qatt ghamlet kuntatt mieghu u lanqas ma’ bintha. Jispjega li hu jahdem pero’ ghandu hinijiet dicenti u

[1] Esebit a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 35 tal-process

ghandu l-ghajnuna ta’ ommu wkoll fit-trobbija tal-minuri li min-naha taghha hi kuntenta u qed titrabba f’ambjent tajjeb u f’imhabba. Jaghlaq billi jghid li wara tali abbandun da parti tal-intimata, jemmen li ghandu jkun fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri bintu b’dan li jekk tigi lura, l-intimata jkollha access ghall-istess minuri b’mod limitat u ghandha tghaddi wkoll manteniment ghall-istess bint.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta’ Rosina Grech[3], fejn fi ftit kliem tikkonferma l-istorja hekk kif deskritta mir-rikorrent, b’dan li tghid li peress li ma tahdimx, tkun hi li twassal lill-minuri ghall-iskola kull filghodu. Tikkonferma n-nuqqas ta’ interess da parti tal-intimata assenti fil-konfront ta’ bintha, filwaqt li tghid li n-nanna materna gieli tmur tara lin-neputija taghha fir-residenza tax-xhud. Taghlaq billi tghid li r-rikorrent binha guvni serju u tar-rispett, b’dan li l-minuri qed titrabba fl-ghozza u fl-imhabba, ghaliex bintu tigi l-ewwel u qabel kollox.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>**

*F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[4] *fejn gie dikjarat li “***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***” kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[5] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[6] *fejn gie ritenut li “***r-regola generali f’din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***”.*

Il-qorti f’dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita’ lir-rikorrent li qieghed jaghmel minn kollox biex jaghti hajja tajba lill-minuri, dejjem bl-

[3] Esebit a fol 39 tal-process
[4] Deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[5] Deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 1972
[6] Deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 1972

ghajnuna ta’ ommu. Dan hu kkonfermat mix-xiehda tal-istess ommu. Min-naha taghha, l-intimata assenti tidher li m’ghandha ebda interess fil-minuri, tant li ilha hafna ma jkollha kuntatt (imqar telefoniku) ma’ bintha. Tali nuqqas ta’ interess fil-minuri juri li l-istess intimata zgur li m’hijiex idoneja biex tkun fdata bil-kura u l-kustodja ta’ bintha, anke jekk b’mod kongunt mar-rikorrent. Omm li lanqas trid kuntatt ma’ bintha m’ghandux ikollha d-dritt li tippregudika l-hajja ta’ bintha. Min-naha l-ohra, l-fatt li l-intimata assenti m’ghandhiex interess f’bintha ma jfissirx awtomatikament li l-minuri ghandha tkun fdata f’idejn il-missier. Irid jigi accertat li dan ikun fl-ahjar interessi tal-minuri.

Izda mill-provi esebiti, kif ukoll mill-fatt li r-rikorrent jidher li ilu jiehu hsieb lill-minuri ghall-anqas mis-sena 2012 (u cioe’ meta l-intimata telqet lejn l-Italja), dejjem ra l-ahjar interessi taghha. Dan iwassal lil din l-istess qorti sabiex minghajr ebda forma ta’ dubju tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata b’mod esklussiv f’idejn ir-rikorrent. Dan ifisser li ghandu jkun l-istess rikorrent li b’mod esklussiv jiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-intimata mhijiex fil-hajja tal-istess minuri.

**<u>Dwar il-Manteniment</u>**

Il-qorti taghmel referenza ghall-fatt li mill-atti ma jirrizultaw ebda provi relatati mal-introjtu taz-zewg partijiet. Dwar l-introjtu tal-intimata assenti ma jirrizultaw ebda provi – kif *del resto* ma jirrizultax fejn qieghda l-istess intimata jew xi forma ta’ kuntatt maghha. Tenut kont tal-fatt li l-minuri ser tkompli tirrisjedi flimkien mar-rikorrent missieru u tenut kont tal-fatt li r-rikorrent ghandu impjieg, izda ma jezistu ebda provi relatati mal-introjtu tal-intimata assenti, l-qorti thoss li fic-cirkustanzi l-manteniment li ghandha tibda tivversa l-intimata ghal bintha huwa dak ta’ mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba’ (4) ġimgħat, liema manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Il-qorti taghmilha cara li tenut kont tal-fatt li l-intimata ma turi ebda interess lejn bintha, ma

jkunx ghaqli li r-rikorrent jipprova jiġbor dak li huwa dovut kwantu ghall-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni permezz ta’ ricevuti. Huwa aktar ekwu u gust u fuq kollox prattiku li l-manteniment stabbilit ikun jinkorpora fih l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri, anke ghal finijiet ta’ ezegwibbilita’ tal-istess.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba;

2. Tilqa’ t-tieni talba;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-intimata assenti T L thallas is-somma ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) kull erba’ (4) gimghat bhala manteniment ghall-minuri skond kif ordnat fil-paragrafu msemmi ‘Dwar il-Manteniment’.

Bl-ispejjez kontra l-intimata b’dan li provizorjament l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuraturi deputati mahtura jigu sapportati mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------